Filigrana

INTERVISTA MINN MARIO GAUCI

INTERVISTA MA' DR CHRISTIAN ATTARD

TUL TA' ĦIN: SIEGĦA, SBATAX-IL MINUTA U TMIENJA U ĦAMSIN SEKONDA

DATA TAL-INTERVISTA: 19 TA' AWWISSU, 2025

POST: L-ARKIVJU TAL-KATIDRAL, L-IMDINA

Mario Gauci: Illum it-Tlieta, dsatax ta' Awwissu tal-elfejn ħamsa u għoxrin, jiena Mario Gauci qiegħed nintervista lil Dr. Christian Attard, lettur fl-Università ta' Malta, għall-proġett Filagrana.

Christian, tfulitek u żgħożitek – kien hemm persuna jew xi stanza partikolari tal-ħajja li ispiratek biex tistudja l-Istorja tal-Arti?

Christian Attard: L-ewwel nett grazzi tal-istedina, post sabiħ ħafna hawnhekk, hux hekk, u post fejn qattajt ħafna sigħat u forsi nerġa' nqatta'. Tajba, mistoqsija għalfejn, għalfejn studjajt l-Arti, hux hekk?

MG: It-tfulija tiegħek ukoll,

CA: Jien mhux... ħa nibdew mill-familja. Mill-familja diretta, m'hemmx, missieri ma kienx xi artist jew hekk, kien iħobb jaqra u dan, u naħseb forsi minn hemm bdejt nisraqlu l-kotba u nara l-istampi 'l hemm u 'l hawn. Kont inħobb nara l-istampi, propja, iktar milli nħobb, iktar milli nħobb naqra. Imma b'xi mod, b'xi mod kont inħobb inpinġi, naħseb minn hemm bdiet din kollha, inħażżeż u hekk. Probabbilment minn hemm bdiet l-imħabba għax kont naf li, kienu jgħiduli li għandi naqra talent, insomma, noqgħod inħażżeż u npinġi, u naħseb waħda mill-ewwel esperjenzi sbieħ kien xi sajf jew xi żewġt isjuf, qed ngħidu kelli, jien naf, nine, ten, ma nafx, u mort nagħmel sajf ma' Mallia, mal-artist Mallia, Joseph Laurence Mallia, bħalissa qed naħdmu għal exhibition tiegħu għax għadu jaħdem u artist bravu immens, wieħed mill-artisti Modernisti tas-seklu għoxrin. Għandna ħabta, forsi għax kwiet, ninsewh, li ma ħaqqux għax naħseb għamel affarijiet interessanti immens. Anyways, jiena ma kontx naf eżatt min hu imma l-fatt li kont hemm, u kont tifel, u kien itellgħani l-istudio u noqgħod inpinġi u jgħallimni, u nara lilu jpinġi, naħseb kienet esperjenza kbira, hux hekk.

MG: U kif spiċċajt l-istudio tiegħu?

CA: Għax ommi kienet teacher, jidhirli minn hemm ġiet, u hu kien teacher, u b'xi mod, u jien naf, u probabbli u kont immur għandu qisu privat, insomma, sejjaħlu privat, ma kienx privat. Kont immur għandu hekk imma darba fil-ġimgħa, darbtejn fil-ġimgħa. Imma insomma kienet esperjenza sabiħa immens. Għax hu kien mill-Fgura, jiena mill-Fgura u naħseb minn hemm ġejja l-connection. Għadu joqgħod il-Fgura, fil-verità, Mallia. Le, esperjenza sabiħa immens, u tara dan l-istudio bil-kuluri u bit-tili, u jien naf, tgħid xi darba... Imbagħad, insomma, u mbagħad l-iskola, għamiltu O'Level. L-iSchool of Art, għamilt ftit żmien immur l-iSchool of Art ma' Casha, Alla jaħfirlu, Joseph Casha, u ma' Mallia wkoll, fil-verità. Imbagħad l-Università u naħseb minn hemmhekk, mainly. L-Università kienet aktar fuq l-istorja tal-arti u naħseb minn hemm, taf kif, jiġifieri ma' bqajtx practitioner jew il-ħolma li nsir artist imma dħalt aktar fin-naħa intellettwali. Ovvjament dan bilfors ikollna nsemmu lill-Prof. Buhagiar li dak iż-żmien kien għadu kważi fil-bidu d-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti, biss dak iż-żmien.

M: Qed nitkellmu?

CA: Qed nitkellmu mid-nineties jew early to mid-nineties, ma kien antik xejn id-Dipartiment, ma nafx kemm kellu, imma ftit snin. Jiġifieri rajt id-Dipartiment jikber, bdieh il-Profs. kważi mix-xejn, qas kien dipartiment propja, kien jagħmel parti minn dipartiment ieħor u kiber. F'dan l-aħħar tletin sena kien dipartiment li baqa' jikber. U jien hemmhekk għamilt il-first degree, il-Masters u anke d-Dottorat fil-verità, għalkemm għamilt anke ma' scholar barrani imma dejjem through l-istess dipartiment, fil-verità. Jiġifieri rajt id-dipartiment li kważi mix-xejn kiber u sar wieħed mid-dipartimenti prinċipali tal-Faculty of Arts, u llum qed naħdem fih ukoll, ilni ħafna fil-verità, bħala

part-timer, imma għal dawn l-aħħar five years naħdem bħala full-timer ukoll. Dik insomma, more or less.

MG: Il-biblijografija tiegħek titfa' dawn dwar l-interessi tiegħek f'diversi perjodi tal-istorja tal-arti. Ħa nibda bl-ewwel ġeneru ta' studji (papers), xogħlijiet oħrajn li ppubblikajt dwar numru ta' artisti tas-seklu għoxrin bħal Anton Inglott, Antonio Sciortino, Giuseppe Briffa u Gianni Vella. Kemm dawn l-artisti Maltin kienu kapaċi jassorbu movimenti artistiċi fix-xena internazzjonali ta' żmienhom li mbagħad wara eventwalment evolvew l-istili personali tagħhom?

CA: Ħa nibda bl-ewwel biċċa tal-mistoqsija, l-ewwel parti. Qed tgħid, forsi choice naqra neglektika. Veru, ma nafx hux tajjeb jew ħażin, li ħafna studjużi, ninnota, jagħżlu suġġett u jibqgħu, kif tgħid, tinżel deep into that one subject. Jiena ma nafx, jew m'għandix paċenzja, jew... imma nkun rrid nimraħ naqra, imma kieku jkolli nissimplifika, naħseb hemm żewġ affarijiet li jinteressawni ħafna u li ħafna drabi naqleb minn waħda għall-oħra, fil-verità, aktar milli... Waħda, kif qed tgħid inti, hija naħseb għall-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin fl-arti Maltija u mhux biss, imma għax aħna l-Maltin forsi jinteressana x'kien qed jiġri Malta. Dik tinteressani immens. Imma fil-verità jinteressani anke ħafna ċertu affarijiet tas-seklu sbatax u tmintax. Mhux kollox, mhux qed ngħid l-arti Barokka, hemm min studja ħafna aktar.

MG: Issa nidħlu fihom.

CA: Eħe, m'għandix dubju, jiġifieri dawn naħseb li huma ż-żewġ forsi suġġetti, hemm oħrajn ta, imma naħseb dawk huma. Għax ħafna drabi mmur minn wieħed għall-ieħor. Inti qed issaqsini fuq l-aħħar tas-seklu dsatax u s-seklu għoxrin u dawn l-artisti li b'xi mod ilqatt xi ftit jew ktibt dwarhom jew jinteressawni. Ħafna drabi ngħidu l-arti Maltija dejjem kienet lacking behind, hux hekk, jiġifieri għandna din l-idea li qisu l-arti Maltija kien qed jiġri xi ħaġa kbira barra, l-Ingilterra, l-Italja, ma nafx, u Malta dejjem wasalna tard. U forsi hemm naqra truth fiha, hemm naqra verità f'dik l-idea li Malta we always come late. Imma naħseb hemm perjodi li ma konniex hekk. Wieħed minnhom forsi huwa l-Barokk li għadna kif semmejna u forsi nitkellmu fuqu li kellna artisti Maltin li kienu...

MG: Ta' żmienhom.

CA: Jafu ħafna x'inhu jiġri barra, hux hekk, kienu jgħixu eżattament fiż-żmien. U naħseb fis-seklu għoxrin b'xi mod, tajjeb jew ħazin, mhux daqshekk sempliċi imma wkoll naħseb kellna grupp żgħir t'artisti Maltin, irġiel ħafna drabi; forsi mbagħad nidħlu fiha; u mhux nisa, imma dak suġġett ieħor li wkoll kienu interessati ħafna x'kien qed jiġri barra minn Malta. U naħseb li l-punt li ċaqlaq lil dawn l-artisti li kienu daqshekk viċin ta' x'kien qed jiġri barra minn Malta, l-Italja u mhux biss, kienet il-ftuħ tal-Iskola tal-Arti l-Belt. Naħseb meta fetħet l-Iskola tal-Arti, bil-problemi, jiena żmien twil, għadni b'xi mod ngħallem l-Iskola tal-Arti.

MG: Qed nitkellmu lejn l-aħħar tas-seklu dsatax?

CA: L-Iskola tal-Arti fetħet nineteen twenty six, jiġifieri ftit wara li Malta ngħatat is-self-responsible government. Tinteressanti immens kif waħda mill-ewwel affarijiet li ddiskutew fil-Parlament, fl-ewwel Parlament Malti, nistgħu ngħidulu, għax ara kemm nikkritikaw lilna nfusna li kultura tiġi l-aħħar, imma ftit snin wara li Malta ngħatat ftit li tista' tmexxi lilha nnifisha, kienet l-edukazzjoni. Jiġifieri dawn, jekk taqra d-dibattiti, għadek tista' taqrahom insomma, dawn jiddiskutu min bl-Ingliż, min bil-Malti u min bit-Taljan jiġġieldu bejniethom bi tliet lingwi u b'xi mod bdew jippruvaw ifasslu kif ħa jwelldu skola tal-arti u jaqblu u ma jaqblux u min qed jimbotta li tkun skola aktar hands-on u l-istudenti ntuhom skills biex imbagħad isibu x-xogħol. Qed nitkellmu inter-war period

kien hawn ħafna qgħad, jiġifieri l-idea li l-iskola ttik xi skill, li tista' tuża biex taqla' l-flus u trabbi l-familja, kienet importanti. Min qed jimbotta minn hemm u min jimbotta minn hawn.

MG: Issa meta tgħid skola tal-arti dak iż-żmien, x'kienet qed tfisser? Jiġifieri x'ġeneru ta' arti, jiġifieri fuqiex ħa titgħallem, xiex, x'ħa taħdem? Purament mal-pittura u l-iskultura

CA: Pereżempju kien hemm min qed jipprova jimbotta skola skill-based, jiġifieri, jien naf, li tkun taf taħdem il-ġebla, li tkun taf anke kif taħdem l-injam, mhux bilfors għax inti skultur jew pittur, imma għax tista' ttik job.

MG: Carpentry tajjeb.

CA: Eżatt. Imbagħad kien hemm min qed jimbotta għal skola tal-arti pura, jiġifieri skola tal-arti li tkun qisha l-Akkademja tal-Italja, mhux biex ittik skills biss imma li ttik l-idea li tagħmlek artist. U kien hemm min qiegħed jikkritikaha, "Dik issa, dawk l-artisti, x'għandna bżonnha aħna? Aħna rridu nies li jaqilgħu l-flus." Meta fetħet l-iskola, naħseb, ippruvat tilħaq xi forma ta' kompromess, jiġifieri kienet skills-based imma li tista' timbotta li l-artisti jitħejjew biżżejjed li jistgħu jkomplu fid-dinja tal-arti. U ħazin u tajjeb, kien hemm ħafna problemi, bħal kollox. Kien hemm dik, biex ma ntawwalx l-argument, naħseb il-ftuħ tal-Iskola tal-Arti, bil-problemi kollha tal-iskola, nuqqas ta' flus u x'naf jien. Naħseb kienet hi li mbuttat dan il-grupp ta' artisti. Qed ngħid kienu rġiel ħafna minnhom għalkemm l-iskola kienet miftuħa għal kulħadd.

MG: Jiġifieri bħal Briffa u...

CA: Le, Briffa le, ma daħalx. Ġużeppi Briffa, billi twieled nineteen o'one meta fetħet l-iskola fit-twenty-six, kellu ġa ħamsa u għoxrin sena.

MG: Kien ġa ffurmat.

CA: Kien ġa ffurmat, jew miexi 'l hemm. Ta' ġenerazzjoni naqra iżgħar minnu, jiġifieri dawn li ġew warajh, jien naf: Antoine Camilleri, Esprit Barthes, Preca, Giorgio Preca u oħrajn. Dawn kollha b'xi mod prodott tal-Iskola tal-Arti. Orrajt, imbagħad studjaw barra minn Malta, imma kienet l-Iskola tal-Arti li tathom l-impetus. Jiġifieri kien hemm Edward Caruana Dingli, Robert ħuh, Carmelo Mangion eventually, u dawk l-ewwel teachers bin-nuqqasijiet tagħhom, biex ngħidu hekk, imma li nibtu fihom din l-imħabba u l-aptit.

MG: Ara x'ġenn flimkien!

CA: Le le dawn kienu. Qed ngħidu kien hemm run ta' thirty, forty years, bdiet tipproduċi kull sena, kważi anke għax kien hemm il-famuż scholarship. Jiġifieri l-Iskola tal-Arti, kull tlieta, erba' snin, qatt ma kien eżatt, kienet toffri l-aħjar żewġ studenti tal-iskultura u l-pittura, toffrilhom borża ta' studju li jmorru jistudjaw barra. Allura dik minnha welldet din is-sens ta' competition. Kien hemm competition qawwija. Għax imbagħad, jekk ma ġejtx l-ewwel u tixtieq tmur tistudja barra, trid tistenna mill-inqas tliet snin, erba' snin oħra, jew inkella forsi ttappja xi sorsi finanzjarji oħra. Kien hemm sorsi. Kien hemm min kien iffortunat għax kien ġej minn familja pjuttost sinjura, allura seta' jmur xorta. Imma bis-saħħa tal-Iskola tal-Arti, kif qed ngħid bit-tajjeb u l-ħażin u kollox, dawn l-artisti, b'xi mod Maltin, kienet hi li tathom l-aptit, u la missejt magħha, ħalli għax ma nafx jekk nerġgħux niġu għaliha, l-Iskola tal-Arti mill-ewwel kienet l-idea li tkun miftuħa għal kulħadd. Jiġifieri irrelevanti jekk intix mara jew raġel, irrelevanti jekk intix ġej minn familja sinjura jew le, allura għamlet minn kollox biex, kemm jista' jkun, tkisser dawn il-ġerarkiji soċjali. U kienu jmorru ħafna tfajliet, ħafna. Għandna ritratti, plus li għandna l-ismijiet, ovvja li kien hemm nofs l-istudenti kienu tfajliet jew nisa. Il-ħasra...

MG: Nafu fuqhom biżżejjed?

CA: Kważi xejn, dik il-biċċa.

MG: Kien hemm nisa li pproduċew. Forsi huma xogħlijiet anonimi.

CA: Il-biċċa hi li l-Iskola tal-Arti kienet iżżomm xi xogħlijiet, allura għandna kważi sample ta' kull student għal ħafna snin għal għexieren ta' snin. Imma ġieli mhux iffirmati, allura ma nafux min għamel xiex. Iwa, kien hemm biss biss il-mara ta' Anton Inglott, iltaqgħu Anton Inglott u Mary Pitrè, hekk kien jisimha, iltaqgħu l-Iskola tal-Arti li ovvja li kienet titgħallem hemm. Kien hemm waħda jisimha Antoinette Camilleri, kien hemm oħrajn, imma fil-verità, le naħseb, forsi about time li jsir studju.

MG: Għadhom ma bdewx.

CA: Mhux biżżejjed, saru xi teżijiet imma mhux biżżejjed. Għadna lura żgur f'dik il-biċċa li kważi ċert, li nistgħu ngħiduha kważi b'ċertezza, li ma kinux ikomplu. Jiġifieri hemm dik l-idea li inti kont tmur bħala tfajla l-Iskola tal-Arti, ma stajtx toħodhom, tirbaħ scholarship m'hemm xejn miktub black on white li mara ma setgħetx tirbaħ scholarship imma qatt ma rebħet mara scholarship. Probabbli qas jekk kieku tkun ġenja, għax kienet tkun, mhux tort tal-iskola, imma forsi tort tal-familja wkoll.

MG: Mentalità.

CA: Mentalità. Mur immaġina fit-tletinijet!

MG: Distinzjoni tas-sessi.

CA: Immaġina fit-thirties tiġi t-tifla u tgħidlek sejra erba' snin nistudja Ruma waħdi. Kieku missierha se jgħidilha, "Le, ma tistax."

MG: Ħafna drabi l-Accademia di Belle Arti.

CA: Eħe, kienu jmorru Ruma, kważi kulħadd Ruma. Kien hemm dil-fissazzjoni, jiġifieri, fissazzjoni li, jekk ser tistudja l-Arti, trid tmur Ruma; li mbagħad inbidlet. Aktar tard, din forsi punt interessanti ieħor, wara l-Gwerra, between the two wars, Ruma biss, kien hemm minnhom li nqabdu Ruma. Meta mbagħad l-Italja daħlet fil-Gwerra u kien hemm problemi li m'hemmx għalfejn nidħlu fihom, imma bħal Willie Apap u Borg Pisani, dawk inqabdu hemmhekk, u oħrajn. Borg Pisani mbagħad konsegwenzi koroh. Imma wara l-Gwerra kien hemm dik il-move għall-Ingilterra. Imbagħad fl-aħħar qishom l-Ingliżi, li kienu ilhom hawn ma nafx kemm, mija u ħamsin sena, iddeċidew li jimbuttaw lilhom nfushom bħala kultura, bħala punt kulturali wkoll. Allura nibdew insibu ħafna artisti wara l-gwerra, fil-fifties u s-sixties, li minflok jagħżlu l-Italja jew xi mkien l-Italja, jagħżlu Londra jew madwar Londra. Għadna kif semmejna lil Mallia ftit ilu. Mallia kważi għamel is-sixties, mis-sixty-three sas-seventy, jimxi fi tliet skejjel l-Ingilterra biss. Jiġifieri kien għamel kors qasir Perugia imma mbagħad l-istudju tiegħu kollu għamlu l-Ingilterra. Jiġifieri huwa eżatt il-kontra tal-artisti li ġew qablu li kważi kollha kienu jmorru Ruma, neħħi pereżempju Antoine Camilleri minħabba family ties, mar Pariġi eżatt wara l-Gwerra; kienet għadha kif spiċċat.

MG: Forty-five, forty-six.

CA: Eżatt. Tela' hemmhekk u sab li Pariġi kienet kważi mhux minsusa. L-ewwel sorpriża li ħa qal, "Ara Malta mkissra. Pariġi mhijiex!"

MG: Għandek ukoll passaġġ fuq il-ġenerazzjoni tal-familja Schranz - fost l-ewwel vedutisti f'Malta li fittxew qligħ l-għajxien bi kwadraturi ta' Malta. Mill-ottika nostalġika, ta' ġenerazzjoni tal-era, biex ngħidu hekk, Romantika, kemm xogħlijiethom jikkuntestwalizzaw lil Malta ta' żmienhom? U b'liema modi l-pajsaġġi ta' Schranz jirriflettu ħajjet il-Maltin bejn il-kummerċ u l-attività navali? Naf li tista' tgħidilna ħafna affarijiet. U l-ġeneru tal-arti, il-pajsaġġisti/vedutisti kienu kkunsidrati bħala inferjuri fid-dinja tal-arti?

CA: Eħe tajba. Schranz, ħa ngħid għalfejn dħalt f'dawn l-artisti: Familja Schranz. Din li ġara fis-seventeen, twenty-seventeen, jew xi ħaġa hekk. Kien wasal li jsir il-mitejn sena minn mindu l-ewwel Schranz ġie Malta, jiġifieri dan fl-1817; nafu li Anton Schranz, li kien Ġermaniż; assolatument ma kinux Maltin.

MG: Imma spiċċaw Spanja.

CA: Eżatt, imma kien fl-eighteen seventeen li ġie Malta. Dan kien Ġermaniż, minn Ochsenhausen, landlocked, lanqas qatt ma ra baħar f'ħajtu, probabbli qatt f'ħajtu, li mbagħad, għal xi raġuni probabbli għax kien suldat fir-reġiment Żvizzeru, spiċċa Mallorca, waħda mill-gżejjer Spanjoli. U mbagħad, għax imbagħad, hemmhekk, inqala' trouble kbir, serju. Kien ilu xi ħamsa u għoxrin sena jgħix hemm, ma kienx żgħir, jgħix Spanja, jew Mallorca, kien iżżewweġ, kellu t-tfal, probabbli għax kienet ser tinqala' gwerra, hemmhekk kien hemm diżgwid kbir, ħarab basically. Qed ngħid ħarab dan Anton Schranz għax nafu li kien għadu kif xtara dar. Jiġifieri dan ma kellux idea li jitlaq żgur. Inti immaġina li xtrajt dar, it-tfal, miżżewweġ, il-ħsieb kien li jibqa' jgħix il-bqija ta' ħajtu hemm. At some point; naħsebli kienet idea knee-jerk reaction, malajr ħafna; qabad u ġie Malta. L-ewwel ġie waħdu biex jara naqra, imbagħad xi sena wara ġiet il-mara tiegħu; Isabel Howard Tudurí kien jisimha, ma' xi tfal tagħha, tagħhom. Xi tfal oħra, kellhom tfal oħra, qisu rreżistew li jiġu u ġew wara, kienu teenagers naħseb u forsi kellhom imħabbiethom hemm, ħajjithom hemm u qalu, "Għalfejn għandi f'daqqa waħda nitlaq?" Imma ġew ukoll għax vera beda jinqala' t-trouble politiku, anyway. U allura fis-seventeen il-Prof. Schranz, li jiġi minnhom, ried jagħmel din l-exhibition biex ifakkar l-anniversarju tal-mitejn sena mill-ewwel Schranz li ġie Malta.

MG: Fejn kienet saret?

CA: B'xi mod kont wieħed mill-kuraturi u kienet saret Sant'Iermu, fl-iswali ta' Sant'Iermu. Kien hemm naħseb, kien hemm mitejn xogħol t'Anton Schranz imma hi ma kinitx biss Anton Schranz imma l-familja Schranz, it-tfal tiegħu...

MG: Giovanni.

CA: Giovanni, eżatt, u oħrajn u baqgħet sejra, kien hemm xi four jew five generations li b'xi mod kienu jidhru. Għall-anniversarju tal-mitejn sena mill-wasla ta' Anton Schranz hawn Malta kienet saret din l-exhibtion u konna numru żgħir ta' kuraturi. Forsi ta' min insemmi, Joseph Schirò, Bernadine Scicluna u l-Profs. Schranz li ħadem immens biex issir din l-exhibition, u naħseb kienet exhibition interessanti li tatna, tefgħet dawl interessanti ħafna fuq dawn l-artisti. Kif għedna, l-itinerarju ta' Anton Schranz kien naqra stramb, jiġifieri bdejna mill-Ġermanja, Spanja, Malta u forsi xi mkien Ruma. M'aħniex ċerti fuqha din imma jista' jkun li mar Ruma. Ifhem, min kien joħlom li jsir artist, għadna kif semmejna ftit ilu, kien imur Ruma, jekk inti artist, fejn se tmur? Ruma. U jista' jkun mar għax hemm xi paintings li saru Ruma jew juru Ruma jew barra Ruma. Ma jfissirx li mar bilfors għax seta' kien qed jikkopja affarijiet, imma jagħmel sens li mar. Ma nafux fejn studja propja dan imma jista' jkun li studja f'xi kloster Ochsenhausen stess il-Ġermanja imma meta ġie Malta ħadem ħafna, ipitter il-baħar bix-xwieni fuq il-baħar, imma mhux il-baħar biss. Mhux pittur biss marittimu, kien ipitter l-art ukoll. U interessanti li jtina dawn ir-ritratti ta' Malta tas-seklu dsatax

meta kien qed jgħix hawn. Għamel xi għoxrin sena jgħix hawn, qabel ma miet, u t-tfal tiegħu kważi komplew fuqu mbagħad. Itina dan ir-ritratt imma mhux ritratti kesħin, bla ħajja, hemm element kważi Romantiku fihom, kważi jirromantiċizza xi naqra wkoll. Li nara interessanti f'Anton, prinċiparjament jien l-iktar li studjajt 'l Anton, aktar milli lit-tfal tiegħu, li barra li juri x-xenarju, il-baħar, ix-xwieni, l-għelieqi, Malta ta' mitejn sena ilu, fin-naħa ta' quddiem tal-paintings tiegħu, dejjem ikun hemm in-nies Maltin, nies li ħafna drabi ħa ngħidulhom ta' klassi baxxa, jew mhux ta' klassi għolja. U dejjem ikunu qed jagħmlu xi ħaġa: jitkellmu, jiġġieldu, jien naf, jippruvaw imexxu l-annimali.

MG: Dejjem fuq quddiem tal-veduta.

CA: Iva ħafna drabi.

MG: Qishom protagonisti.

CA: Eżatt, jiġifieri xi mkien fuq quddiem tara storja żgħira għaddejja. Jiġifieri jekk ikollok tħares lejhom, kważi jagħmlu element narrattiv. Altru mill-mistoqsija tiegħek jekk kien hemm xi ġerarkija, hux hekk? Iwa, kien hemm. Jiġifieri, jien naf, jekk f'din il-ġerarkija hija l-pittur tal-istorja li jiġi l-ewwel, m'hemmx dubju. Jiġifieri l-pittur li jpitter il-figuri kbar għad-disinn, għall-Bibbja u x'naf jien, dawk kienu top, imma b'xi mod, Anton Schranz u anke l-bqija tal-familja li, by the way li kien hemm artisti nisa fil-familja, la qbadna das-suġġett ftit ilu; forsi tajjeb li nsemmi li wħud minnhom kienu l-bniet ukoll; kienu daħlu fid-dinja tal-arti, biex ngħidu hekk. Anton u t-tfal tiegħu b'xi mod kważi they rose above mill-ġerarkija. Għax għalkemm kienu vedutisti ħafna drabi, ipittru landscape, kienu jdaħħlu l-figuri u l-figuri b'xi mod għandhom xi rwol, mhux qegħdin hemm biss bħala żieda imma għandhom irwol, kważi they're acting a story. Qed jgħidu xi forma ta' storja wkoll li naħseb li jagħtu laqta aktar interessanti fix-xogħol tagħhom. Ovvjament dawn kienu jagħmluhom biex jaqilgħu l-flus. M'hemm xejn ħażin.

MG: Xogħolhom kien dan?

CA: Ija, xogħolhom kien.

MG: Isipiraw naħseb artisti. Naħseb qed ninterrompik. Ispiraw oħrajn. Minn Schranz bdiet il-vedutiżmu?

CA: Schranz kien tal-bidu. Kien hemm familji oħrajn bħal Bellanti, Brockdorffs, kien hemm Caruana, Pietro Paolo Caruana kien hemm.

MG: Gianni.

CA: Eżatt, Girolamo Gianni u anke billi daħlet l-idea tal-litografija, il-printing fuq il-ġebla, jiġifieri tuża l-ġebla biex tipprintja, ħafna minnhom dawn daħħlu fl-iskill tal-printing, tal-litografija, tal-lithography u dawn kien hawn il-ħafna Ingliżi jgħixu hawn Malta u żgur kien hawn suq tajjeb għal dawn il-veduti Maltin. Ħafna drabi kienu jkunu veduti Maltin naqra romantiċizzati, juru 'l-Maltin bħala nies sempliċi, sempliċi fis-sens...

MG: Jiġifieri l-Ingliżi kienu jiffanzjaw, kienu jixtruhom dawn.

CA: Iwa, jiena hekk naħseb, anzi kważi ċerti fuqha din.

MG: Interessanti, interessanti.

CA: Ftit tas-snin ilu konna nixtru l-postcards, hux hekk? Illum qas għadna nagħmlu hekk. Għoxrin, ħamsa u għoxrin sena ilu konna nixtru postcard, tmur issiefer u tibgħat postcard lil ommok jew xi

ħadd hekk. Kienu jaqdu dak it-tip ta' rwol speċjalment il-prints li probabbilment ma kinux għaljin, kien hemm suq tajjeb, jinbiegħu bi ftit flus. Kont tixtri print u tibgħatha lill-familja li qiegħda l-Ingilterra biex tgħidilha, "Ara fejn qiegħed jiena." Dawk li kienu aktar well-off kienu jmorru għand Schranz jew Brockdorff; familja Ġermaniża oħra li ssetiljat hawn Malta; jew artisti oħrajn. Kienet qisha fabbrika, jiġifieri inti kont tagħżel ix-xbieha, tgħidlu, "Ara, jiena rrid bħal din ix-xbieha tal-port, pereżempju, imma nixtieq fuq quddiem tpoġġi lili u 'l-familja tiegħi u nixtieq li jkun hemm aktar maltemp, jew aktar." U jirranġahielek kif trid inti. Probabbilment tħalli ftit taż-żmien jgħaddi u tkun lesta.

MG: Fejn kienet il-bottega?

CA: Huma kienu l-Belt, Strada Sant'Ursola, kważi kantuniera ma' Strada Sant'Ursola. Jidhirli li l-binja eżatt m'għadhiex teżisti, fejn kienu jgħixu huma, imma hemmhekk kellhom, kellhom anke forma ta' skola. Jiġifieri kienet mod ta' kif taqla l-flus. Jiġifieri, dak iż-żmien ħafna...

MG: Jiġifieri dan il-port bil-production, jiġifieri.

CA: Iwa mela, kważi kważi.

MG: Jiskeċċja, kważi jkollu tablet.

CA: Kienet production line. Jiġifieri li hu żgur kien hemm nies jaħdmu magħhom, it-tfal u forsi nies oħrajn u kulħadd għaddej. Għalhekk forsi anke ġieli l-livell jifflaktuwejtja (sic.) (*to fluctuate*) ħafna, ġieli tara xogħlijiet tajbin, ġieli tara xogħlijiet inqas tajbin, ġieli tara xogħlijiet ibsin ħafna u jkunu jidhru qishom Schranz, għax probabbilment ma jkunx għamilha propja hu, imma jkun għamilha xi alliev. Kellhom skola, nafu, imma dik kienet tipika, Calì nnifsu kellu skola. Jiġifieri trid tara kif ħa taqla' l-flus, u ħafna drabi tistenna l-commission jew tistenna l-commission, jew inkella bl-istudenti wkoll.

MG: Inħallu l-veduti ta' Schranz u nitilgħu ftit passi 'l fuq mill-Port bit-taraġ min-naħa tal-Victoria Gate, u mal-ħajt tal-Knisja ta' Ġieżu naraw dik in-niċċa emblematika bl-għadam li inti rreferejt għaliha bħala Maestro Gianni's 'charnel house window'. Min kien Mastru Gianni? Taħseb li baqgħalna x'niskopru dwar artisti, skalpellini u artiġjani li għandna ma nafu xejn dwarhom. Kif taħdem ir-riċerka meta student ġdid ikun imħajjar ifittex dwar artisti, pittur jew artiġjan, skalpellin mhux magħruf, inti li qattajt snin kbar tirriċerka f'din il-linja tal-istorja tal-arti?

CA: Ħa nibdew bl-ewwel parti. In-niċċa ta', insejħulu Maestro Gianni, għax qas nafu eżatt x'jismu sew. Jidher li jismu Gianni, ma nafux kunjomu. Storja interessanti, l-ewwel nett dik in-niċċa propja propja qas hija niċċa, hija daħla għal kannierja ta' fejn kienu jidfnu l-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, naħseb l-unika daħla li fadal għax id-daħla l-oħra hija magħluqa. Jiġifieri biex tinżel fil-kripta fejn il-membri tal-Kurċifiss ta' Ġieżu, tal-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Ġieżu fejn kienu jiġu midfunin, dik kienet l-opening. U at some point, jidher li f'xi nofs is-seklu tmintax, fi żmien Pinto, kienu l-fratelli, kienu qabbdu lil dan l-artist, Maestro Gianni, ħa nsejħulu Maestro Gianni, li ħolqilhom din il-carniera window. It-tieqa għall-kannierja, biex niftiehmu, għall-post fejn kienu jindifnu. U hija interessanti immens, għax mimlija simboli tal-mewt, għandek il-klessidra, iż-żmien li qed jispiċċa bil-ġwienaħ, allura l-idea tal-erwieħ, l-iskull u l-crossbones. Hemm ħafna simboli tal-mewt, ħa ngħidu hekk. U għamel biċċa xogħol kbira, bravu jiġifieri, u wera li kellu talent dan l-iskalpellin Naplitan, imma kien xi naqra, insomma, ma jaħsibhomx, u hu propja kien qed jiġi Malta bħala bonavoglia. Bonavoglia kienu dawk il-qaddiefa li ma kinux ikunu skjavi per se jew ħabsin imma kienu jagħmluha għax kien ikollhom xi dejn li jħallsu. Il-bonavoglia, jiġifieri kellhom xi dejn xi jħallsu, imma xorta kienu jorqdu fil-ħabs, fil-ħabs fl-Isla. Nafu li at some point, jew kien

fis-sakra, jew kienu fis-sakra, inqalgħet xi ġlieda bejn dawn il-bonavoglia l-Isla fil-ħabs, jew fejn kienu joqogħdu fl-Isla, u wieħed minnhom inqatel. U kollox ipponta lejn dan Maestro Gianni li qisu hu milli jidher. Fil-bidu nett hu qal li kien imma wara dejjem baqa' jiċħadha. U ħajtu spiċċat ħażin insomma. Dan l-imbierek raġel li kellu talent, kien jew kienx ħati ma nafux, hu baqa' jgħid li ma kienx ħati imma kien ingħata l-ġustizzja, ġustizzja fi żmien Pinto. Dak iż-żmien kien hemm dan il-Maġistrat Giulio Cumbo, kulħadd kien jobogħdu, għax kien kattiv, għax dak wieħed mill-kastigi li kien iħobb jagħti biex iġiegħlek titkellem, kienu jgħidulu l-'Cavallo di Cumbo' li kien forma ta' triangle insomma. Jekk tmur il-Birgu, il-Palazz tal-Inkwiżitur għad hemm waħda minnhom. Kont toqgħod bilqiegħda fuq din it-triangle.

MG: Tista' timmaġina.

CA: Tista timmaġina xi pjaċir! Idendlulek il-weights ma' saqajk u jsaqsuk il-mistoqsijiet waqt li tkun dan. Dan ingħata dan, ingħata l-corda, jiġifieri jorbtulek idejk minn wara dahrek u jdendluk, u kien bniedem b'saħħtu żgur għax kien jaqdef fuq ix-xwieni u ssaporta kemm felaħ u pprova jitfa' l-ħtija fuq ħaddieħor u beda jsemmi nies oħra. Imbagħad, kull meta jsibu li din ma twassal għal imkien, jerġa' jingħata kastig ieħor. Miskin dam sejjer martirju sakemm fl-aħħar insomma, hu kellu, ġie akkużat li hu nstab ħati kompletament u ngħata l-forka. U dak iż-żmien, din ħafna mill-istorja jgħidhielna Ignatio Saverio Mifsud li huwa djarju interessanti immens. Xi ħadd xi darba jrid ikollu paċenżja u dan id-djarju...

MG: Mhux wieħed għandu.

CA: Għandu, hemm sensiela ta' djarji. Xi ħadd irid ikollu l-paċenzja, għad ma kienx hawn xi ħadd li jipprova jagħmel transcription tiegħu kollu. Il-Profs. William Zammit ħadem ħafna fuqu imma ħadd ma qatt għamlu kollu kemm hu għax huwa minjiera ta' informazzjoni.

MG: Biċċa xogħol monumentali kieku.

CA: Kbira kieku. Kbira, xi ħadd ta' paċenzja enormi jrid ikun għax il-kitba ta' Saverio Mifsud, iktar kemm jixjieħ iktar issir ħażin. Jiġifieri mhix faċli taqrah imma naħseb jekk xi ħadd jagħmilha, ikun... hu nqara ħafna, ħafna nies studjawh. Anyway, ħalli ma nintilfux fuq xi ħaġa oħra. Din l-istorja jirrakkuntaha ħafna, jew ħafna mill-informazzjoni li għandi ġibtha minn Saverju Mifsud, imbagħad minn xi sorsi oħra wkoll. Imma li ġara, anke l-mewta ta'...

MG: U hu ħadem l-iskultura ta' fuq il-portal tal-Monte de Pietà?

CA: Le, hu għal xi żmien konna ngħidu li ħadem il-fontispizju fejn illum hemm il-Ministeru tas-Saħħa, tal-Health, li kien il-Kastellanija, li kien il-Qorti dak iż-żmien.

MG: Pinto qegħdin ngħidu.

CA: Fi żmien Pinto imma jiena ma naħsibx li ħadem il-fontispizju. Dawk il-figuri li hemm fuq, imma jista' jkun ħadem, jista' jkun, anke Saverju Mifsud jgħidha din, fil-kappella li hemm ġol-Kastellanija, isfel. Ġieli jiftħuh f'xi Notte Bianca jew hekk. Hemm il-ħabs, għadhom hemm iċ-ċelel u hemm anke remains tal-kappella b'xi skultura, li jista' jkun li għamilha dan Maestro Gianni. Jista' jkun ħadem anke fil-Kavallerizza tal-Palazz. Jiġifieri hu kien imqabbad ftit mhux ħażin hawn Malta, dan, imma kif qed ngħidu l-mewta tiegħu kienet mewta kerha għax imbagħad riedu jagħtuh il-forka. Ma mietx mill-ewwel u baqa' jgħid il-ħin kollu li hu mhux ħati u jitlob lil Alla jaħfirlu tad-dnubiet żgħar illi għamel imma mhux dan id-dnub. U Pinto dak iż-żmien kien hemm l-idea li jistgħu joqtluk darbtejn. Tgħidli kif tista' bniedem? Darba mmutu. L-idea hija li, jekk joqtlok u mbagħad il-ġisem ibiċċruh, iqattgħuh, il-hope tiegħek, x'inhi l-kelma, it-tama tiegħek, li at one point ġismek

jerġa' resurrect at the end of times, tintilef għax issa ġismek imbiċċer. U kienu jagħmluha. Kienu joqtluhom il-ġustizzjati, imbagħad iqattgħuhom u jitfgħu l-biċċiet, naqra kerha din, jitfgħu l-biċċiet 'l hemm u 'l hawn biex juru lin-nies, "Ara tagħmilx hekk għax ara x'ser jiġrilek!" Kien hemm min qal lil Pinto taf kif, issa patta biżżejjed dar-raġel ma nistgħux naqbdu u nidfnuh, imma Pinto qal le ma nistgħux, irid jingħata t-tieni kastig ukoll wara l-mewt. Hija storja sad, storja tad-dwejjaq din imma parti mill-mistoqsija tiegħek kienet, "Għad hemm artisti x'niskopru?" Min jaf bħal Maestro Gianni li nafu ftit li xejn fuqhom! Min jaf kemm hemm, hemm artisti u artiġjana, biex ma nużawx il-kelma artisti, li ma nafu xejn dwarhom jew nafu ftit. Qed nitkellmu fuq il-mewt, kull darba li kien imur xi isqof jew xi Gran Mastru, fi żmien ġranet kien ikun hemm ċorma artisti li kienu jitqabbdu jagħmlu ephemera. Jagħmlu paintings, inscriptions li kienu jiddendlu mal-Palazz jew fil-knejjes u dawn ħafna drabi ma nafux min huma. Rari f'xi dokumenti li joħroġ xi isem minnhom. Jiġifieri dawn imsieken kienu jaħdmu kontra l-ħin.

MG: U kienu jkunu spissi għax daqqa jmut wieħed, daqqa jmut Papa.

CA: Iva, ġieli anke meta jmut il-Papa.

MG: Jew imut ir-re.

CA: Jew ir-re. U kienu jagħmlu dawn l-ephemera. Anke l-kelma 'ephemera', jiġifieri.

MG: Hija parentesi li m'għandhiex x'taqsam imma naħseb din hija mentalità ta' kif fil-preżent, l-idea li nipproduċu l-ephemera fil-festi u fid-DNA tagħna, aħna nies tal-Barokk.

CA: Iwa hekk hu. Dik għandek raġun. Ma nafx illum kemm huma ephemera għax naħseb l-aptit li ma jkunux ephemera. Ta' dawn vera kienu jkunu ephemera, vera kienu jieħdu dik il-kedda kollha.

MG: L-għada jintremew.

CA: Biex jintramaw għal ftit ġranet sakemm jgħaddi l-anniversarju jew il-funeral imbagħad jiżżarma kollox u jintrema.

MG: Jiġifieri tara li bqajna b'dik il-mentalità?

CA: Jekk ser tgħid li b'xi mod għadna marbutin mal-Barokk naħseb qiegħed fid-DNA. Jiena xi kultant ngħid b'nofs ċajta li l-Maltin naħsbu li ivvintajna l-Barokk aħna, ovvjament li m'għamilniex hekk. Imma b'xi mod naħseb il-Barokk huwa, għandu b'mod tajjeb ta', għandu deep roots, ma nafx għax is-sħana, l-atmosfera Mediterranja, senswali naħseb.

MG: Eħe? Iwa?

CA: Jolqot eżatt il-mod ta' kif naħsbu. Speċjalment at a grass-root level, hux hekk? Fis-sebgħinijiet kien ġie dan l-istudjuż Ingliż, [A. C] Sewter kien jismu, kien storiku tal-arti u kien sar ktieb, jidhirli l-editur kien Richard England, imma hu kien kiteb f'dan il-ktieb, kiteb propja dan Sewter artiklu fuq Gabriel Caruana imma qabel ma beda jikteb fuq Gabriel kiteb fuq is-sitwazzjoni hawn Malta, fl-early seventies qed ngħidu. U l-idea li jagħti hija ta' pajjiż li ma jafx x'inhu jiġri, li n-nies tant għadhom marbutin mal-Barokk li qas nemmnu.

MG: Aħseb u ara llum, għax fis-sebgħinijiet kien hemm movimenti li... imma llum.

CA: Imma hu jgħid li kulma trid tagħmel idħol f'dar tipika Maltija u tinduna x'inhuma s-sentimenti Maltin, li jimlew il-ħajt kollu kwadri, l-idea ta' horror vacui, hux hekk, li l-bniedem jibża' jħalli kantuniera vojta għax inkella mhux tajba. Iva, forsi għandek raġun, kien hemm ċaqliqa b'Emvin

Cremona li bdew jiddisinjaw lobbies ta' hotel imma naħseb fil-verità, fil-grass-roots, u xi ftit għadna hekk, jista' jkun. Forsi.

MG: It-tema tal-mewt li tiġri f'diversi forom f'ħajjet il-bniedem. Fil-fatt is-suġġett prinċipali tiegħek jittratta l-perjodu taż-żewg epidemiji l-kbar li ħakmu 'l Malta u l-filosofija tal-mewt fid-dawl tal-istorja tal-arti; l-arti li tagħmel mewta tajba. Għaliex għażilt tema li titlob approfondiment ta' suġġett u li jġorr ċertu toqol ta' ħsieb, u ngħiduha kif inhi, xi ftit tad-dwejjaq ukoll?

CA: Ħafna nies meta tgħidilhom li studjajt il-mewt jgħidu: "Il-Marija!" U fil-verità jekk toqgħod taħseb fuqha, il-mewt, l-ewwel nett, hija parti mill-ħajja, ma tantx tista' taħrabha u naħseb li ta' qabilna kienu jaċċettaw il-mewt ħafna aħjar milli naċċettawha aħna. Jiġifieri aħna għandna twerwir mill-mewt, bir-raġun ovvjament, jien nitwerwer! Għax hemm studjuż Franċiz jismu Philippe Aries u din hija t-teorija tiegħu li fis-seklu għoxrin ħbejna l-mewt. Ma ħallejnihiex parti mill-ħajja, ħbejnieha, jekk xi ħadd jimrad u nafu li mhux se jibqa' għal magħna nitfgħuh l-isptar biex kemm jista' jkun ma narawhx wisq, mentri meta tmur lura fiż-żmien, in-nies kienu jmutu d-dar, kienu jmutu ħafna nies żgħar, babies, tal-biża', li tant il-mewt kienet viċin tan-nies li mhux bilfors immorru mijiet ta' snin, anke għeriexen ta' snin, tmenin sena, jiġifieri hawn min jiftakarhom dawn. Kważi kuljum konna naraw funeral tat-tfal, li b'xi mod il-mewt tant issir viċin tiegħek li ma tibqax twerwrek daqshekk. Mhux qed ngħidu li kienu jifirħu jekk imut xi ħadd imma it was part of life. U allura naħseb li l-mod ta' kif kienu jiċċelebrawha kważi l-mewt turi li kellhom healthier relationship kważi, biex ngħid hekk. U it was a celebration, iktar. Jiġifieri l-mewt, fiha nnifisha, kienu jagħmluha seminal Baroque. Fis-seklu sbatax u tmintax irnexxielhom idawru l-mewt bħala xi ħaġa teatrali, speċjalment jekk tkun xi mewt ta' xi ħadd, semmejna rejiet, papa, isqof jew il-Gran Mastru, kienet tkun xi ħaġa kbira. Il-mod ta' kif kienu jżejnu kulm'hemm, il-qniepen idoqqu. U kien proċess.

MG: Ritwaliżmu.

CA: Kien ritwal twil u twil u ma kienx jibda bil-mewt. Fl-antik kienu jgħidu, "In the midst of life we are in death." Jiġifieri inti tibda taħseb fil-mewt minn mindu titwieled illum, nippruvaw ninsew li rridu mmutu.

MG: Kulħadd jipprova jibqa' żgħir, kulħadd jagħmel il-botox u jkabbar 'l hawn...

CA: U tipprova tinsa li qed jgħaddi ż-żmien u li xi darba ħa tmiss lilek ukoll. U dawn ta' qabilna, missirijietna biex insejħulhom hekk, tant. Allura l-mewt mhux suġġett daqshekk tad-dwejjaq fl-aħħar mill-aħħar. Issa inti l-ewwel semmejt il-pesta. Il-pesta kienet twerwirhom, kif werwret lilna ftit tas-snin ilu bl-imbierka Covid. Għax naħseb il-pesta, il-plague li kienet tiġi kiesaħ u biered, filli b'saħħtek u filli dawk in-nies kollha jmutu, f'qasir żmien b'mod misterjuż.

MG: F'erbgħa u għoxrin siegħa.

CA: Xejn! U l-mistoqsija kbira: "Għaliex?" X'qed jiġri ma kinux jafu kif ħa jispjegawha. Sirna nafu x'inhi eżatt il-black death, fl-aħħar nett tas-seklu dsatax, il-bidu tas-seklu għoxrin, pjuttost viċin. Naħseb il-pesta kienet ittellef ħaġa waħda, il-preparazzjoni għall-mewt. Jiġifieri mentri mewta normali kienet ittik ċans li b'xi mod you're not caught unaware, bħal speċi ta' tista' tipprepara, mewta ppreparata kienet. Għal ta' qabilna kienet kollox, għax dik kienet ittik iċ-ċans li tkompli tgħix ħajja eterna, għandek it-testment, ingħatajt il-last rites, mewta kif suppost, kif jgħidu. Mentri l-pesta kienet toqtollok dak kollu. Naħseb aktar milli l-mewt tal-pesta li kienet twerwirhom kienet il-mod ta' kif tista' tmut mhux ippreparat, u allura ttellfek mill-ħajja eterna. Ftakar li ta' qabilna,

għalihom, din il-ħajja fid-dinja hija qasira, tgħaddi malajr, efemera, inti trid taħseb għal ħajja eterna li...

MG: Il-lifespan tal-bniedem.

CA: Kienet iqsar forsi wkoll.

MG: Mhux dejjem, imma xi drabi.

CA: Mhux dejjem. Le ħafna nies, in-nies ħa ngħidu hekk, in-normali le, ħamsin, sittin ħa tkun, u anke ħafna qabel, jiġifieri l-Gran Mastru kien miskin b'xi gotta.

MG: Imma għadek ma rrispondejtnix għaliex għażilt is-suġġett.

CA: Eee għaliex.

MG: X'ispirak, x'rajt fiha?

CA: Kif qed ngħidlek, tgħidilna ħafna fuq il-ħajja. Il-mewt tgħidilna ħafna fuq il-ħajja, paradoxically. U mbagħad, ma nafx hu, forsi, ma nafx, xi ħaġa personali. I find it intriguing u naħseb li huwa suġġett.

MG: Huwa suġġett li jinteressani ħafna.

CA: M'għandix dubju, ġieli tkellimna. Narah intriganti, ħa ngħid hekk, u ma narahx biss bħala xi ħaġa ta' horror. Jiġifieri dik hi.

MG: Il-ktieb tiegħek huwa xhieda ta' kif l-arti u simboliżmi mortwarji kienu jfakkru dwar l-inevitabbiltà tal-mewt - memento mori– bejn anzjetà u kuraġġ? Biża' u faraġ? Hija mistoqsija li tabbina mal-oħra.

CA: Hekk hu. L-arti, li b'xi mod hija marbuta ma' das-suġġett, mal-mewt, ħafna drabi mhix kerha, fil-verità, għax ħafna nies jgħidu min jaf kemm hi morbuża u swidija u skeletri u dwejjaq. Ġieli jkollha element marbut imma ħafna drabi mhijiex. Hija tama, inti użajt il-kelma t-tajba, it-tama, għax naħseb din ta' qabilna ħafna aktar minna żgur tant kemm kellhom tama li din il-ħajja hija biss qasira u li trid tittama b'li ġej u li ġej huwa ħafna isbaħ u ħafna aħjar u perfett, li allura kien hemm dit-tama li orrajt hemm il-mewt imma ma ġara xejn. Anzi, il-mewt ser ittina aptit jew tiftħilna bieb għal xi ħaġa oħra. U l-arti, li b'xi mod torbot mal-mewt, naħseb hemm dan l-element ta' hope, ta' tama l-ħin kollu, allura mhix kerha. Forsi torbot mal-mistoqsija ta' qabilha, xi ftit, jiġifieri ma tmurx biss x'wieħed jimmaġina, it's all morbid, illi swidija. Ġieli tkun hekk ukoll jiġifieri, nitkellmu fuq il-perjodu Barokk jew l-late Baroque. Il-Barokk għandu ħabta jaqsam minn naħa għal oħra. Jiġifieri l-Barokk jista' jkun senswali, morbuż fl-istess ħin, senswali u morbuż fl-istess nifs. U fl-arti, li b'xi mod torbot mal-mewt jew mal-pesta, għandhom ħabta jmorru flimkien. Naħseb anke l-pesta, pereżempju., Il-pesta, kif tidher fl-arti, irnexxielhom idawruha b'mod sabiħ ħafna drabi mingħajr ma juru l-kruha tal-pesta. Jiġifieri ħafna drabi, jekk tħares lejn il-paintings li b'xi mod qed jgħidulna xi ħaġa fuq il-pesta, jużaw tip, forma ta' lingwaġġ, ta' shorthand ta' simboli li qed jgħidu fuq il-pesta mingħajr ma juru l-kruha tagħha. Biex nagħti idea, ħafna nies li kienu jiġu infettati mill-pesta kien ikollhom dawn in-nefħiet f'għonqhom, fuq in-naħa tal-koxxa ta' fuq u taħt l-idejn. Nefħiet, 'buboes' nefħiet, fil-veru sens tal-kelma, koroh, li dawn kważi ma tarahom qatt fil-paintings jew, jekk tarahom, tarahom b'mod kajman jew xi ħadd jipponta lejn għonqu. U jekk ma tifhimx dan il-lingwaġġ, tgħid għalfejn qed jipponta lejn għonqu dar-raġel, jew għalfejn hemm nies mitluqin mal-art qishom qed jixxemmxu. Għal sekonda tgħid, "X'qed jiġri?" Hija metafora.

MG: Moħbija bejn il-pinzellati u l-lingwaġġ tal-artist.

CA: Hekk hu. Qed jużа dal-lingwaġġ.

MG: Hemm kommittent.

CA: Le, naħseb kien hemm il-lingwaġġ li l-arti ma tistax tkun kerha. Irridu niftakru dik li kien hemm dik l-idea li, fil-Barokk, l-arti, fl-antik kienu jużaw il-kelma 'decorum'. Jekk inti artist ma tistax ittini l-kruha li hemm madwari, dik qed naraha jien m'hemmx għalfejn ittihieli inti. Inti jekk inti artist trid tgħidli fuqha imma trid tgħidhieli filtered, filtered through art. U allura rnexxielhom li l-arti, plague art, tal-pesta, toħloq dan il-lingwaġġ li n-nies kienu jifhmu probabbilment, imma li mhux daqshekk ovvju. Li qed jgħidlek fuq il-pesta, biex nagħti idea, painting sabiħa immens ta' Luca Giordano qiegħda Capodimonte f'Napli, u din il-painting enormi u li għandha x'taqsam mal-pesta ta' Napli tas-sixteen fifties, xi ħaġa hekk, Luca Giordano qed jipprova jgħidilna li fl-aħħar mill-aħħar inutli tittama fit-tabib. Sorry jekk hawn xi tobba qed jisimgħuna. Trid tittama lil hinn, f'San Gennaro għax San Gennaro se jitlob għalik, jintervjeni għalik mal-Madonna u ma' Alla, u allura fin-naħa t'isfel hemm din il-figura kbira li qed tipponta lejn għonqha u għandha dan il-bubo miftuħ jidher għax waħda mill-measures li kienu jagħmlu t-tobba, kienu li jippruvaw jiftħu, 'lancing' kienu jgħidulhom, jiftħu dawn in-nefħiet biex jiddrejnjawhom (sic.) li ħafna drabi kienu jwasslu għall-mewt, flok fejqan. Kienet dik li toqtlok, meta... isma' ma tantx kien hemm x'tagħmel. Kienu qed jippruvaw b'mod empiriku kif jistgħu jsalvaw. Allura hemm din il-figura kbira fin-naħa t'isfel, Luca Giordano, l-artist qed jipponta lejn għonqu, jiġifieri qed jgħidilna, "Ara x'għamluli t-tobba sa fejn wassluni, mejjet issa jien!" Imma fuqu hemm din il-figura ta' San Gennaro kbir. Allura qed jgħidilna taf kif, fl-aħħar mill-aħħar, our hope, it-tama tagħna trid tkun mhux fuq in-nies ta' madwarna imma billi nitolbu. U naħseb li hija painting sabiħa, senswali kważi, anke l-katavri tan-nies qed imutu jew mejtin bil-pesta wkoll, b'xi mod kienu jagħmluhom sbieħ li ovvjament ma kinux. Kif qed ngħid, għalkemm is-suġġett jidher daqsxejn morbuż, togħġobni, dik x'inhi l-kelma, liminality, biex nirrispondi l-mistoqsija tiegħek, li jogħġobni huwa li huwa suġġett ikrah imma b'xi mod l-arti u l-fidi, li jmorru flimkien f'dal-każ, irnexxielhom jagħmlu xi ħaġa sabiħa minnhom.

MG: Again, parentesi żgħira, illum hija moda t-tattwaġġ imma tara ħafna simboliżmi relatati, ma nafx, relatati mal-mewt. Għadam, skeletri. X'taħseb?

CA: Fit-tattoos ma nifhimx imma probabbli għandek raġun. Jista' jkun Aries jew xi ħadd ieħor, Philippe Aries li semmejt ftit ilu, għax semmejna li fis-seklu għoxrin jew fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin ippruvajna naħbu l-mewt, ma nitkellmux wisq fuqha, imma pereżempju l-fenomenu tal-horror film żdied. Hemm dik l-idea li l-mewt ħbejnieha, nafu li qiegħda hemm għax ovvjament taħbiha kemm taħbiha, hemm qiegħda, u allura nippruvaw nuruha b'modi oħra – billi naraw film. Għax inti taf f'rasek li huwa film, taċċettaha naqra aktar, taf li mhux il-verità. At some point tfakkar lilek innifsek li huwa film. U forsi t-tattoos jagħmlu l-istess ħaġa jiġifieri jfakkruna li dan is-suġġett li qed nippruvaw ninsew fil-verità qiegħed hemm il-ħin kollu madwarna għax imutu nies li nħobbu; nafu mmutu wkoll. Qiegħed hemm, ħbejnieh kemm jista' jkun imma qiegħed hemm lest biex joħroġ, allura joħroġ b'modi oħra fil-films, fit-televixin, fit-tattoos, għaliex le.

MG: Kapitlu mill-ktieb tiegħek jispjega numru ta' qaddisin u immaġini sagri fil-kuntest tal-era tal-pesta f'Malta. Kemm minn dawn il-kommittenzi naraw xogħlijiet notevoli li mmarkaw u ssostanzjaw l-istorja tal-arti f'Malta.

CA: Ovvjament, kull darba li kien ikun hawn pesta, jiena l-aktar li ttrattajt il-pesta tas-sixteen seventy-six u xi mija u kważi erbgħin sena wara kienet reġgħet ġiet pesta oħra, allura Malta kienet imxiet, in the meantime in those one hundred and forty years.

MG: Kellek oħrajn bħall-kolera.

CA: Kien hemm oħrajn, imma jiena ttrattajt mainly il-pesta li kienu jgħidulha l-'pesta bubonika', dik li l-aktar kienet twerwer in-nies fil-verità, imma kien hemm oħrajn, kif qed tgħid inti. Imma dawn it-tnejn kienu kbar ħafna, jiġifieri. Fis-sixteen seventy-six mietu ħdax-il elf persuna hawn Malta.

MG: Jiġifieri massa.

CA: Ara, Malta kien għad hawn population ta' ħamsin elf, jiġifieri mietu over one fifth. Fl-1813, konna taħt l-Ingliżi, il-popolazzjoni kienet irduppjat u kienu mietu xi ħamest elef. Kienet xorta kbira imma mhux kbira daqskemm kienet ta' qabilha. Kull darba li kien ikun hawn xi mxija minn dawn, il-Maltin, bħal kullimkien ta, kienu joħorġu din l-armata ta' qaddisin, 'plague saints' ngħidulhom; dawn il-qaddisin li kellhom irwol li jipproteġu 'l-Maltin mill-pesta. Għax il-pesta ħadd ma kien jaf x'inhi, kulħadd jivvinta, arja ħażina, għax konna mqarbin u issa Alla rrabjat magħna u qed jibgħat... kulħadd bl-idea li l-pesta jġorruha l-ġrieden, pereżempju, li kienet l-aktar ħaġa ovvja. Ħadd ma kienet ġietu f'rasu, jew forsi ħadd. Allura l-qaddisin kienu tarka tajba, u kien hawn numru ta' qaddisin. Il-kbar kienu Santu Rokku, San Bastjan, u mbagħad, naqra qabel il-plague tas-sixteen seventy-six, daħlet Santa Rosalia direttament minn Palermo. Għal żmien qasir kien hawn ukoll ta' San Karlu Borromeo. Kien interessanti immens imma qatt ma qabad sew dal-kult.

MG: Hawn kwadri.

CA: Hawn kwadri, iwa... pereżempju ma ssib xejn. San Bastjan u Santu Rokku tibqa' ssibhom anke sas-seklu dsatax. Ta' Karlu Borromeo kważi jisparixxi. Jiena xi kultant ngħid li l-Maltin iħobbu l-qaddisin tal-mirakli. Jiġifieri San Karlu Borromeo huwa qaddis li huwa ddokumentat. Dan għex Milan, ħadem ħafna fil-plague, fil-pesta ta' Milan. Dak kien ġej minn familja sinjura, seta' għex l-isbaħ ħajja kieku ried, fil-palazzi, u minflok għamel hekk, dan iddeċieda li jgħin, u mill-means li kellu, għax kien sinjur, kien jgħin lill-foqra. Miet t'erbgħin sena xi ħaġa hekk, saħħtu herrieha imma naħseb li l-istorja tiegħu tant għandha element ta' verità, m'għandhiex element ta' fairytale. Din l-idea tiegħi, forsi għandi żball ta, allura Malta ma nħobbuhomx dawk il-qaddisin jew jidhru wisq bħalna. U San Karlu Borromeo huwa bniedem eroj, imma bħalna. L-oħrajn forsi għandhom element ta' fairytale, kważi kollha. Santu Rokku, nispera mhux qed ngħid xi ereżija, imma mhux dokument b'saħħtu ħafna l-connection tiegħu mal-pesta. Santa Rosalia, l-istess. Hemm storja ta' Santa Rosalia li meta fil-plague ta' Palermo sabu r-remains tagħha qalu, "Ara sibna r-remains tagħha, inniżżluhom Palermo u l-pesta tgħaddi." Kien hemm xi tobba li meta ċċekkjaw l-għadam qas biss huma umani, dawn l-għadam, let alone ta' Santa Rosalia. Ġimgħa wara għamlu rapport ieħor, biddlu kollox, qalu żgur huma t'umani, probabbilment ta' Santa Rosalia u ruminating, li ħierġa minnhom riħa tfuħ. Għax quddiem fidi ta' poplu jew l-aptit li, ta' xi ħadd qed jieħu ħsiebna, hija ħafna akbar mill-verità, u naħseb semmejna lil Santa Rosalia, meta Malta kienet qiegħda għaddejja mill-pesta tas-sixteen seventy-six, ġibna, 'il-Gran Mastru pprova jġib ir-relikwa ta' Santa Rosalia. U ġiet, u milli jidher ġiet ipproċessata l-Belt, bil-purċissjoni l-Belt u bin-nar u n-nies jiċċelebraw, u ftit wara n-nies ddeċidew li l-pesta qed tonqos hawn Malta. Issa jekk hux bis-saħħa tar-relikwa jew għax kienet... ma nafx imma...

MG: Li s-sena d-dieħla qed niċċelebraw it-tliet mija u ħamsin sena mill-kommemorazzjoni.

CA: Hekk hu! Għandek raġun, ma ġietnix f'moħħi. Għandek raġun, sixteen seventy-six. Bdiet fis-sixteen seventy-five, propjament.

MG: Hemm imbagħad l-arti vernakulari, bħal ex-votos u pitturi, biex ngħidulhom hekk, xi ftit medjokri li juru tentazzjonijiet u konsolazzjonijiet ta' moribondi fuq is-sodda tal-mewt. Għaliex dan il-kunċett kien ta' spiss riprodott viżwalment u kellu daqstant influwenza f'ħajjet il-bniedem?

CA: Eħe.

MG: Ex-voti?

CA: Eħe, din tinteressani ħafna. Min jistudja l-arti naħseb l-aktar ħaġa li tħobb tistudja kieku hija l-arti ta' artisti kbar. Malta kellna wkoll, forsi fil-mistoqsija l-oħra suppost kellna nsemmu lil Mattia Preti li ara kemm ħadem.

MG: Sarria, pereżempju.

CA: Sarria wkoll, inbniet kompletament u tpittret eżattament wara l-pesta tas-sixteen seventy-six, jiġifieri li tittratta arti t'artisti bravi dejjem hija sabiħa. Imma naħseb parti magħmula minn artisti inqas bravi hija interessanti wkoll mhux artistikament, għax probabbli artistikament qatt mhu ħa tlaħħaq mal-livell t'artisti oħrajn, imma għax tgħidilna xi ħaġa differenti. Inti qed issemmi l-ex-voti. L-ex-voti ħafna drabi, mhux dejjem ta, ġieli saru minn artisti bravi wkoll, imma ħafna drabi saru minn artisti ta' 'sekonda klassi', sejħilhom hekk, artisti mhux kbar li l-popolin kien imur għandhom għax inti taħseb li sar miraklu miegħek; inqbadt fuq dgħajsa f'maltempata, tlabt lill-Madonna u ħlistha; kellek marda u għaddiet u tixtieq turi gratitudni, gratitude, u allura kont tmur għand wieħed minn dawn l-artisti. Kien hawn bottegi diversi f'Malta milli jidher, tirrakkontalu l-istorja tiegħek u dan ipittirhielek, u isfel normalment jikteb il-legend, fi ftit sentenzi spjega x'ġara.

MG: Rajt ħafna minnhom dawk inti.

CA: Hawn kemm trid, jiġifieri Malta għandna kultura kbira, mhux Malta imma south, southern Mediterranean issib mhux ħażin. U mhux biss, anke ġieli fin-north tal-Italja tiltaqa', imma Malta kien hawn kultura kbira żgur ta' dawn il-votive pictures. Ħafna minnhom marbutin mal-marittimu ovvjament għax Malta gżira u ħafna kienu jinqabdu f'maltempata u x'naf jien, imma ssib ukoll domestiċi u jtuna idea kif kienu l-kmamar dak iż-żmien. Jekk huma vera, għax ukoll trid toqgħod attent kemm huma veritiera, fis-sens li s-sodda dejjem canope ħafna drabi, pereżempju. Issib ħafna jekk tmur is-Santwarju tal-Ħlas għax marbut ħafna mal-pregnancies, issib ħafna jew numru ta' paintings fejn juru omm fuq is-sodda jew ħdejn is-sodda u ħdejha jkun hemm erba' jew ħames trabi swaddled, marbutin f'dan l-infaxxar. Ħafna drabi dawk jissimbolizzaw it-tfal li mietu, it-tfal tagħha li ma twildux jew...

MG: Mhux għax kellha quadriplets?

CA: Le le, probabbilment le, għax ġieli konna naħsbu hekk, le. Probabbilment qed tirringrazzja għax issa għandha the one who made it, imma tfakkarna li qabel ma kellha dan u sar il-miraklu magħha kellha erbgħa jew ħamsa għax ġieli jkunu taħt is-sodda, creepy ee, jew fuq is-sodda, imma swaddled. Le, dawn il-paintings, jiġifieri.

MG: U hemm tal-pesta.

CA: M'għandniex ħafna imma, eħe, għandna tal-pesta, eżatt. Hemm is-Santwarju tal-Mellieħa, hemm is-Santwarju tal-Ħerba Birkirkara li huma marbutin direttament. Hemm wieħed interessanti immens fil-Knisja ta' Santa Barbara l-Belt.

MG: Tal-pesta tas-sitt mija sitta u sebgħin?

CA: Ħafna minnhom tal-eighteen thirteen.

MG: M'għandiex.

CA: Għax interessanti din.

MG: ’Il bogħod wisq?

CA: Le, mhux ’il bogħod wisq, imma naħseb l-idea kienet, li kienet tkun ħaġa komunali. Jiġifieri, jekk Ħal Lija għadda mill-pesta u jixtieq bħala raħal juri r-ringrazzjament, kienet issir pittura votiva, imma r-raħal kollu kien probabbilment jippulja (sic.) il-flus eżatt, imbagħad iqabbdu lil Giuseppe d’Arena u jagħmel painting. Aktar tard kien hemm din l-idea aktar individwalistika. Jien irnexxieli nsalva lili nnifsi u ’l-familja mill-pesta allura ser inqabbad artist. Hemm pittura interessanti f’dar-rigward fis-Santwarju tal-Mensija, San Ġwann. Hemm santwarju interessanti, tinżel għalih bit-taraġ.

MG: U hemm ex-voto fih.

CA: U hemm isfel, jekk tinżel, hemm votive picture ċkejkna tal-pesta tal-eighteen thirteen. U hemm familja mill-Furjana u qed jirringrazzjaw lill-Madonna li salvathom, qegħdin hemm kollha, impittrin kollha, ħdejhom tara ħafna nies qed imutu tara anke dan il-katalett li kienu jinġarru n-nies infettati u mejtin bil-pesta; kienu jgarawk f’xi għalqa xi mkien; tal-biża’; u jekk taqra l-legend kważi ttik x’tifhem imma li kważi għandhom din il-forsi, illum ngħidulha, ‘survivor’s guilt’. Jiġifieri qed jgħidu salvajna imma forsi stajna għenna naqra aktar. Dawn salvaw basically għax ingħalqu, allura rnexxielhom isalvaw lilhom infushom, forsi kienu sinjuri biżżejjed li setgħu salvaw għal numru ta’ xhur bla ma joħroġu, kellhom ikel u x’naf jien, imma kellhom din il-guilt, hux hekk, din l-idea li forsi li issa li għaddiet, inħarsu lura, stajna għenna naqra aktar u naħseb din is-survivor’s guilt tifhimha wkoll. Aktar ma hemm ħerba madwarek u inti you made it għaliex jien…

MG: Hemm irħula li rnexxielhom iktar minn oħrajn.

CA: Eħe, il-plague tal-eighteen thirteen. L-Isla pereżempju, ċerti li ma kien hemm ħadd, li hi diffiċli li jkun hemm xi ħadd mill-Isla, għax diffiċli tikkalkula jekk hux veru jew le, għax li kien jiġri, l-imwiet kienu jiġu miktubin mill-kappillan. Jiġifieri l-kappillan kien l-insinwa dak iż-żmien biss u jekk ma jiktibx, kienet tiġri speċjalment fil-bidu ta’ pesta, in-nies kienu jibqgħu jiġu midfunin fiċ-ċimiterji normali jew fil-knejjes. Periklu kbir għax in-nies kienu jdumu biex jgħidu li hemm problema għax eżatt kif jiġi ddikjarat li l-post hawn il-pesta; din għednieha aħna stess ftit ilu; kif jiġi ddikjarat li hemm il-plague, ħa jieqaf kollox, kummerċ kollox. Ħa ġġib il-pajjiż għarkopptejh u jieqaf.

MG: Kif kienet il-Covid, għall-bidu domna biex…

CA: Domna, mhux ovvja li domna, kulħadd naraw l-aħbarijiet, issa għandna t-televixin u għandna l-internet. Immaġina mitejn sena ilu ma kellhom xejn dawn in-nies u min jgħid li ħa nieqfu, se nieqfu u min irid li ma niqfux.

MG: Sakemm daħlet bil-mod.

CA: Eżatt u xi kultant nippruvaw inbellgħuha lilna nfusna u tgħaddi. Eżatt kif għamlu ta’ qabilna. Aħna li konna aħjar minnhom, il-mezz kif ikkomunikajna.

MG: Aktar informazzjoni.

CA: Kien hemm aktar informazzjoni. Dawn imsieken ta’ qabilna l-informazzjoni min jaf kif kienet tasal għandhom. Tiftaħ it-televixin u tara x’qed jiġri l-Italja, iċ-Ċina, minn fejn trid.

MG: Interessanti.

MG: Studjajt ukoll kif l-arti mortwarja interaġiet ma’ forom oħra, letteratura, it-teatru, monumenti u lapidarji funerarji u l-Cappella Ardente li inti sibt terminoloġija li qatt ma konna smajna biha.

Kastell jew torri ta' niket, il-Castrum Doloris. X'tgħidlilna dwar dan, anke fid-dawl tad-dokumentazzjoni li wieħed jiltaqa' magħhom fl-ambitu tal-arti funerarja?

CA: La semmejtu, dak kien studju tal-Castrum Dolores, huwa l-Kappella Ardente tal-Imdina, jiġifieri.

MG: Niftakar, ippermettili nsemmi l-memorja tiegħu hawnhekk, meta ra dil-kelma, ra l-*paper* tiegħek Castrum Dolores, Victor Bonnici, qalli, "Il-Marija kemm hi sabiħa!" U beda jidħak, qalli, "Qatt ma kont iltqajt magħha."

CA: Kont nafu lil Victor ħafna. Eħe, dik mhux ivvintajtha jiena, ovvjament. Tintuża fil-kotba hawnhekk, f'dan il-post li qegħdin, fejn hawn l-Arkivju tal-Katidral, jużawha din il-kelma 'Castrum Dolores'. Dan fil-verità hekk kien kastell, kważi kastell jintrama jew meta jmut xi Papa barra minn Malta, u jagħmlu quddiesa kommemorattiva fil-Katidral jew meta jmut l-isqof, xi isqof Malti. Jiġifieri dan kien, qed ngħid kien fil-verità, suppost nuża l-preżent, għax għadu jeżisti, u din waħda, meta għamilt dak l-istudju kien... insemmu lil Dun Ġwann għax Dun Ġwann kien hawn, għenni Dun Ġwann u kien qalli, "Jekk tkompli tfittex..." Hu kien baqa' jimbuttani. Kien qalli, "... Jirnexxilek issib kull musmar li ntuża biex inbena." U fil-verità, għax jien kont qisni, jekk għandi informazzjoni biżżejjed, hu baqa' jimbuttani, u vera sibt affarijiet oħra, jiġifieri nsemmu l-memorja ta' Dun Ġwann ukoll għax ħadem ħafna f'dal-arkivju, kif nafu. Dan il-famuż 'Castrum Dolores' dan kien. Għandu storja interessanti immens, fil-verità. Dan kien ġie ddisinjat għall-katidral l-antik. Aħna nafu li hawnhekk kien hawn minn tal-inqas żewġ katidrali, hux hekk, il-katidral l-antik ta' qabel it-terremot tas-sixteen ninety three u mbagħad inbena l-katidral li għandna llum, u minn dak l-istudju konna sibna li l-ewwel Castrum Dolores jew l-ewwel Cappella Ardente; il-'Cappella Ardente' tfisser the 'Flaming Chapel' għax kienet tkun kappella tal-injam li tant kemm kien kellha xemgħat li kienet kważi qisha fjamma; kien ġie ddisinjat għall-katidral l-ieħor li waqa' jew damaged fis-sixteen ninety-three bit-terremot tas-sixteen ninety-three u ġie ddisinjat minn Lorenzo Gafà. Dan baqa' jaqdi, baqa' jiġi użat għal kważi mitt sena jew naqra inqas. Li ġara li, billi kien iddisinjat minn Gafà għall-katidral l-antik, meta bnew il-ġdid; infatti Gafà kien il-perit tiegħu, ġie żgħir. Jiġifieri għax ovvja li l-katidral li għandna llum huwa ħafna ikbar minn dak li kellna qabel, allura l-proportions ma kinux sew. Kien jagħmel sens fil-katidral il-qadim imma mhux jagħmel sens fil-katidral il-ġdid. Li ġara, naħseb li kienu għaddew tmenin sena mill-ewwel disinn ta' Gafà, ġie deċiż li jiġi rrestawrat. Naħseb il-kelma 'restawr' kienet tfisser li kważi jiġi re-worked.

MG: Tmenin sena wara qed ngħidu.

CA: Xi ħaġa hekk. Id-dati nsejthom.

MG: Gafà kien mejjet.

CA: Le, issa mhux Gafà, ovvjament le. Ma tqabbadx Gafà għax ma setax, ovvja, għax ma kienx għadu ħaj, u tqabbad Francesco Zahra. Jiġifieri Francesco Zahra, flimkien ma' numru t'assistenti, ġie mqabbad. Il-pittur famuż Francesco Zahra ġie mqabbad biex jirrestawra, imma l-kelma 'restawr' mhux kif nifhmuha llum, jirranġa, kważi joħolmu mill-ġdid, ikabbru u jżidu, għamel li ried Francesco Zahra, imma xi mkien għad hemm, jista' jkun l-antik. Għad hemm partijiet minnu li jmorru lura għal żminijiet Gafà. Forsi l-core parts huma ta' żmien Gafà u...

MG: U Zahra amplifikat.

CA: U Zahra, żied u pitter, forsi mhux hu b'idejh imma hu kien il-mastermind, għax nafu through Dun Ġwann u l-mod imbuttani biex inkompli nfittex. Hemm numru ta' ismijiet ta' artisti li ma nafu xejn fuqhom. Il-ħasra, u din iddiskutejtha li dan il-famuż Castrum Dolores jew Cappella Ardente

tal-Imdina, aħna għandna Cappella Ardente oħra l-Belt, sewwa kienet tintuża fil-Katidral tal-Belt, imma l-Imdina kien hemm oħra, jiġifieri mill-inqas kien hemm tnejn. Kien hemm oħrajn ta, nafu minn dokumenti li Sarria kienet tintrama waħda oħra, li San Pawl Nawfragu l-Belt kienet tintrama oħra wkoll, imma dawn ma fadlilna xejn sa fejn naf jien, imma tal-Belt teżisti u hija rrestawrata u qed jieħdu ħsiebha għalkemm ma tintrama qatt jew rari u din għadha teżisti, imma għandha bżonn restawr qawwi tal-Imdina. Li jiġri ovvjament li għax hi tant kemm hi kbira...

MG: Bħalma kien hawn dawn l-istrutturi ġganteski għall-pussess tal-Gran Mastru, is-sepulkri.

CA: Is-sepulkru li għadu...

MG: U ftit minnhom huma rifflessi fil-festi għax naraw ċertu arki antiki bħalma humar-Rabat.

CA: Dawk li qed ngħidu ephemera li mhux ephemera. Forsi importanti ngħidu li suppost kienu jkunu ephemera għax kien hemm l-idea li juru anke l-idea li l-ħajja qisha tispiċċa. Spanja pereżempju kienu jagħmlu din l-Cappella Ardente, imbagħad ikissruha. L-idea kienet...

MG: Imma, fl-aħħar mill-aħħar, ultimately, dik l-istruttura ġganteska u monumentali fil-kuntest tal-mewt, x'kienet tfisser? Jiġifieri inti x'tara? X'inti tieħu minnha? Qed tara dik l-istruttura arkitettonika, dekorattiva? X'għandha x'taqsam? X'qed tieħu minnha?

CA: Hemm dak l-element li tkellimna ftit ilu, it-teatrali, il-Barokk u l-mewt li rnexxielhom idawruh għal xi ħaġa teatrali, jiġifieri parti mit-teatru huwa dak, imma kien hemm dak l-element simboliku, jiġifieri inti dħalt fil-knisja u ħafna drabi l-knisja kienet tkun imdallma ma kienx hemm elettriku, ma kien hemm xejn. Tidħol fil-knisja mudlama, qed turi l-mewt, u issa f'nofs il-knisja għamilt il-Cappella Ardente jew il-Castrum Dolores, sejjaħlu li trid; li tfisser flaming chapel kif għedna, kappella mixgħula; u allura simbolikament qed tkisser dak id-dlam. Jiġifieri jekk il-mewt huwa d-dlam, hemm tama wara l-mewt. Jiġifieri apparti t-teatru, għax hemm element teatrali bla dubju fihom, imma hemm element simboliku fihom ukoll ta' tama wara l-mewt, ħajja ġdida wara l-mewt. U naħseb id-dawl tal-Cappella Ardente xi ftit qed jissimbolizza dak. Dak irridu niftakru tant kemm kien ikun hemm xemgħat u nies fil-knisja li kważi tista' timmaġina kieku llum, il-health and safety! Uġigħ ta' ras, jitfa' lil kulħadd 'il barra! Jiġifieri din ġo knisja magħluqa, eluf ta' nies, mimlija mijiet ta' xemgħat, għandna ddokumentat kemm kienu jonfqu flus fix-xemgħat. Jiġifieri dik kienet recipe for disaster, din kienet, li din taqa' xemgħa waħda u tqabbad kulm'hemm, ma kienx jimpurtahom jew ma kienx hemm awareness dawk in-nies kollha, dik il-foga, imma naħseb kienet parti u kważi inti dħalt realm ġdid, f'kuntest ġdid, qisek inqtajt mid-dinja, m'għadekx hemm. Naħseb l-uġigħ ta' ras li kien jaqbdek, kont tħossok...

MG: Interessanti.

MG: Fl-aħħar! L-aħħar mistoqsija. Ħdimt ukoll fuq il-kurċifiss ta' Ġieżu fid-dawl tal-arti sagra ta' wara l-Kontro-Riforma. Apparti l-analiżi stilistika tiegħek tat-tipoloġija skultorea ta' Frate Umile u Frate Innocenzo ta' Petralia, x'tgħidilna d-dokumentazzjoni li sibt fuqhom?

CA: Dak kien proġett interessanti għal qalbi, ħa ngħidu hekk, għax kien il-Kurċiffiss ta' Ġieżu jew għax ommi kienet toħodni hemmhekk meta kont tifel, u ma jistax ma jħallix effett fuqek għax tarah u jwerwrek u dejjem kienet li xi darba, u kien sar, kien wasal iż-żmien li jsir restawr il-kurċifiss, għax l-idea kienet li jittieħed f'purċissjoni qabel ma ttieħed. Il-Fratellanza tal-Kurċifiss li jieħdu ħsiebu flimkien mal-patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu qalu, "Ħa nagħmlu rapport kemm jiflaħ, dan jiġi jdur fit-toroq." U sar restawr. U b'xi mod kont parti mit-team; ma kontx waħdi; li ħa ħsieb ir-restawr flimkien ma' Fr Charles u nies oħra. Inti semmejt id-dokumenti, ħafna riċerka kienet saret qabli,

ma rridx nieħu mertu ta' affarijiet li m'għamiltx jien. Ħafna mir-riċerka kienet saret minn Patri Aquilina.

MG: Insellmu l-memorja.

CA: Insellmu l-memorja tiegħu għax għamel ħafna ħafna riċerka.

MG: Kontributur kbir.

CA: Enormi.

MG: Studjuż.

CA: Studjuż. Kiteb, jiġifieri jiena bnejt fuqu basically.

MG: Inti dħalt fuq aspett artistiku, ovvjament li ma kinitx forsi l-linja tiegħu.

CA: Forsi mhux daqshekk. Li naf li Patri Aquilina, għax inti semmejt iż-żewġ artisti; lil Frate Umile u Frate Innocentio; dejjem kellna dubju kbir min għamel il-kurċifiss, u għal xi raġuni Frate Umile għandu kult qawwi Malta, it-tnejn li huma minn Sqallija. It-tnejn li huma minn Petralia. Petralia huwa raħal ċkejken fil-muntanji lil hinn minn Palermo. Hemm żewġ Petralii (sic.), fil-verità, waħda jisimha Petralia Sottana u l-oħra jisimha Petralia Soprana. Mort fihom huma sbieħ immens, tal-kartolini. Biex wieħed jieħu idea, wieħed minnhom kien ġej minn Petralia Sottana, Patri Innoċenz, u l-ieħor...

MG: Viċin.

CA: Viċin. Jiġifieri bil-karozza forsi hemm ten minutes, bil-mixi għandek siegħa jew naqra aktar, siegħa u nofs. Waħda hija aktar għolja mill-oħra, għalhekk Soprana u Sottana. Dan nafu li dawn kienu jafu lil xulxin b'xi mod. Jidhru li kienu more and less tal-istess età, forsi Umile kien tikka akbar, meta ngħidu tikka, xi sentejn, tlieta, mhux iktar u mhux. Wieħed kien teacher tal-ieħor, kif ġieli kien jingħad, imma għal xi raġuni Umile għandu kult ikbar ta' qdusija u x'naf jien, u naħseb allura Patri Aquilina dejjem xtaq li l-kurċifiss ikun ta' Umile u mhux ta' Innocenz. Issa ħalliha li bħala artist Innocenz kien superjuri minn Umile, imma hemm dan il-kult. Allura, meta Patri Aquilina stess, u mhux jien, sab li huwa ta' Innocenz, black on white, naħseb irnexxielu jsib, wara r-riċerka li għamel; kien tal-biża'; fl-Arkivji Notarili rnexxielu jsib the actual notarial deed fejn qed jissemma Frate Innocenz bħala l-artist tal-kurċifiss tal-Fratellanza. Naħseb m'għoġbitux, allura kważi, jekk taqra, iħalli hu stess, iħalliha ambigwa għax f'moħħu dejjem xtaq, fil-verità, f'kotba li ppubblika qabel jgħid Padre Umile u ħafna kotba, u mhux tiegħu biss jgħidu li tal-Belt huwa Padre Umile, li ma tagħmilx sens għax stylistically, xħin tara x-xogħlijiet tagħhom it-tnejn u tħares lejn il-kurċifiss tal-Belt kważi bilfors huwa ta' Innovenz. Innocenz xħin... fil-qasir... Umile, kurċifissi ta' Frate Umile dejjem b'xi mod jibqgħu xi ftit klassiċi, jiġifieri Ġesù qiegħed ibati, imma sa ċertu mod. Innocenz kien kważi jmur overboard, jiġifieri jitlef dak il-bilanċ li kellu Umile u jagħmel dawn il-kurċiffissi, ta' Malta wieħed minnhom fejn l-uġigħ huwa lampanti, kważi wisq, id-dmija, dik l-esaġerazzjoni ma tarahiex fil-kurċifissi ta' Umile, jew rarissimu. Qed ngħid hekk għax Innocenz kemm-il ewwel darba li sab problemi ħabba dawn it-tip ta' xbihat, jiġifieri Sqallija kellu suċċess enormi. Nafu, għandu kurċifissi kważi ma' Sqallija kollha imma, meta għal ftit snin mar l-Italja u pprova jagħmel dawk it-tipi ta' kurċifissi, l-Italja waqqfuh, għajjatlu l-Inkwiżitur qallu, "X'qed tagħmel? Mela bil-kurċifiss twerwer in-nies?!" U dan qata' qalbu u reġa' mar Sqallija, mhux qed jifhmuni hawn. Il-kurċifiss li sar Malta...

MG: Li għandna ieħor.

CA: Li għandna ieħor, eżatt. Dak hemm dibattitu. Ġie Malta Frate Innocenz u għamel kurċifissi tiegħu hawnhekk Malta stess jew baqa' Sqallija u bagħathom. Malta għandna tnejn ddokumentati tiegħu, tal-Belt li huwa ddokumentat u tal-Imdina inqas famuż, għal xi raġuni, imma sabiħ daqs tal-Belt, li huwa ddokumentat tiegħu wkoll. It-tnejn huma tiegħu li saru viċin ta' xulxin żgur. Jista' jkun li saru fi żmien xhur 'il bogħod wieħed mill-ieħor. Ovvjament l-aptit li ngħidu li ħadem hawn Malta hija sabiħa. S'issa għad m'għandniex dokumentazzjoni.

MG: Dan tal-Imdina studjajtu inti?

CA: B'xi ftit ukoll imma mhux bl-istess mod li studjajt tal-Belt, għax il-proġett kien fuq tal-Belt. Dan ħaqqu jiġi studjat aktar ovvjament tal-Imdina. Jixxiebhu ħafna fil-verità. Tal-Imdina tikka iżgħar minn tal-Belt.

MG: Kien ħareġ ukoll f'pesti.

CA: Imma t-tnejn ma kinux joħorġu ħafna dik il-biċċa. Il-Fratellanza għadha sal-lum kważi tgħir għall-kurċifiss. Qed nuża l-kelma f'sens tajjeb, jiġifieri mhux wieħed minn dawk l-istatwi li l-ħin kollu fil-purċissjoni. Irid jidher ftit u din mhux xi ħaġa li ġiet ivvintata issa.

MA: Antikament jiġifieri.

CA: Iwa, fil-bidu nett. Anzi fil-bidu nett ma kien joħroġ qatt. Milli jidher il-kurċifiss ta' Ġieżu ħareġ biss fis-seklu għoxrin. Jiġifieri qabel is-seklu għoxrin ma kien inħareġ qatt, kważi ċerti li ma ħareġ qatt. L-idea kienet anzi, għax qed nuża l-kelma 'kważi jgħiru li jarawh nies oħra', li kien ikun moħbi wara purtiera tal-Belt, qed ngħid issa. Tal-Imdina kważi moħbi dejjem wara dak il-kanċell u tal-Belt kien ikun dejjem moħbi u jinkixef biss Friday, il-Ġimgħa fit-tlieta. Jiġifieri min irid jara l-kurċifiss irid joqgħod jistenna Friday u jmur u mbagħad jerġa' jitgħatta bil-purtieri. U naħseb dik żiditlu, the cultic, is-saħħa kultika tiegħu għax ma kienx statwa li tista' tara meta trid, anzi għandek żmien speċifiku, u naħseb dik żiedet l-idea ta' mirakuluż. Mhux mirakuluż. Jiena ma dħaltx hux mirakuluż jew le, għax it's beyond me, imma naħseb, if anything, dik żiedet.

MG: L-aspett misterjuż.

CA: Mistiku, misteru għax dak ma tarahx xħin trid. Dik hi. Imma rajnieh ftit ilu fil-purċissjoni Għawdex għax ara kemm ngħidu li sirna poplu inqas reliġjuż u sekulari u x'naf jien, li probabbli vera.

MG: U għamel nofstanhar għall-visti l-Belt, jidhirli.

CA: Hekk hu, imma l-kbira kienet meta tellgħuh Għawdex m'ilux wisq. Mejju x'kien? Xi ħaġa hekk.

MG: Għall-Ġimgħa l-Kbira. Kien hemm in-nies?

CA: Il-Marija!

MG: Kont hemm inti?

CA: Le ma tlajtx, imma l-fratelli u r-ritratti li rajt, jiġifieri dawn ma stennewx dak. Eluf kbar ta' nies li telgħu minn Malta miegħu.

MG: Grazzi, Christian. Nirringrazzjak. Kienet intervista interessanti ħafna.

CA: Grazzi, Mario.

MG: Nawguralek għall-karriera tiegħek u għal proġetti futuri illi naf li qed taħdem fuq diversi affarijiet relatati mal-istorja tal-arti u jalla forsi jkollna ċ-ċans darb'oħra nagħmlu sessjoni oħra.

CA: Nirringrazzjakom.